

Il-Ġurnal Ufficijali L 427 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

17 ta' Diċembru 2020

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2108 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jemenda l-Anness II tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2019/627 fir-rigward tal-marka tas-saħħa li għandha tintuża għal ġertu laħam maħsub għall-konsum mill-bniedem fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq (¹) 1

DEĊIJONIJIET

- ★ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2109 tas-16 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjonijiet 93/52/KEE, 2003/467/KE, 2004/558/KE u 2008/185/KE fir-rigward tal-elekar tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa minn diversi mard tal-annimali terrestri (notifikata bid-dokument C(2020) 9301) (¹) 4

- ★ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2110 tas-16 ta' Diċembru 2020 li temenda l-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE fir-rigward tal-istatus ta' ħelsien mill-mard tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq għal ġertu mard tal-annimali akkwatichi (notifikata bid-dokument C(2020) 9303) (¹) 10

- ★ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2111 tas-16 ta' Diċembru 2020 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/221/UE fir-rigward tar-referenza għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq għall-approvazzjoni ta' miżuri nazzjonali biex jiġi limitat l-impatt ta' ġertu mard fl-annimali tal-akkwakatura u annimali akkwatichi selväggi f'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE (notifikata bid-dokument C(2020) 9302) (¹) 14

- ★ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2112 tas-16 ta' Diċembru 2020 li temenda l-Annessi tad-Deċiżjonijiet 93/455/KEE, 1999/246/KE u 2007/24/KE fir-rigward tal-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' kontinġenza tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tad-deni klassiku tal-ħnieżer, tal-influwenza avjarja u tal-marda ta' Newcastle (notifikata bid-dokument C(2020) 9307) (¹) 17

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

- ★ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzojni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2113 tas-16 ta' Diċembru 2020 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/3/KE li tawtorizza, fir-rigward tal-bejgħ ta' patata taż-żrigħ fit-territorju kollu jew parti ta' ċerti Stati Membri, miżuri aktar iebsa kontra ċertu mard barra minn dawk previsti fl-Annessi I u II tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE, fir-rigward tal-entrata għar-Renju Unit (*notifikata bid-dokument C(2020) 9306*) (¹) 21

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2108

tas-16 ta' Diċembru 2020

li jemenda l-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/627 fir-rigward tal-marka tas-saħħa li għandha tintuża għal ġertu laħam maħsub għall-konsum mill-bniedem fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (¹), u b'mod partikolari l-frażi introduttora u l-punt (e) tal-Artikolu 18(8) tiegħi,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 (²) jistabbilixxi arranġamenti pratti uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fir-rigward tal-produzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem. L-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implementazzjoni jistabbilixxi l-arranġamenti pratti għall-marka tas-saħħa li, *inter alia*, tindika kemm il-laħam huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem.
- (2) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Ftehim dwar il-Ħruġ), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-Regolament (UE) 2017/625 kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqu, se jkomplu jaapplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara l-perjodu ta' tranżizzjoni. Għal dik ir-raġuni, jeħtieġ li jiġi emendati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament li jikkonċerna l-marka tas-saħħa li jenħtieġ tintuża fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

(¹) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

(²) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti pratti uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

- (3) Għalhekk, l-Anness II tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2019/627 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (4) Peress li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ jintemmi fil-31 ta' Diċembru 2020, dan ir-Regolament jenħtieġ li jaapplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2019/627 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*

ANNESS

Fl-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/627, il-paragrafu 1(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) l-isem tal-pajjiż li fih jinsab l-istabbiliment, li jista' jinkiteb sħiħ b'ittri kbar jew muri bħala kodiċi b'żewġ ittri F'konformità mal-kodiċi ISO rilevanti. Madankollu, fil-każ tal-Istati Membri (*), dawn il-kodiċi huma BE, BG, CZ, DK, DE, EE, IE, GR, ES, FR, HR, IT, CY, LV, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, PT, RO, SI, SK, FI, SE u UK(NI);

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.”

DEĊIJONIJIET

ID-DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZOJNI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2109

tas-16 ta' Diċembru 2020

li temenda d-Deċiżjonijiet 93/52/KEE, 2003/467/KE, 2004/558/KE u 2008/185/KE fir-rigward tal-elenkar tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa minn diversi mard tal-annimali terrestri

(notifikata bid-dokument C(2020) 9301)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-sahħha tal-annimali li jaffettaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 9(2) u 10(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-sahħha tal-annimali li jirreglaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-nagħaq u tal-mogħoż⁽²⁾, u b'mod partikolari t-Taqsima II tal-Kapitolu 1 tal-Anness A tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 64/432/KEE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-sahħha tal-annimali li jirreglaw il-kummerċ tal-annimali bovini u porċini fl-Unjoni. Hija tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi, mill-bruċcelloži, mil-lewkożi enzootika bovina u mir-rinotrakeite bovina infettiva fir-rigward tal-merħlief bovini, u l-marda ta' Aujeszky fir-rigward tal-merħlief porċini.
- (2) Ĝhalkemm iċ-Channel Islands u Isle of Man, bħala dipendenzi interni awtonomi tal-Kuruna Brittanika, mhumix parti mill-Unjoni, huma għandhom relazzjoni specjalji u limitata mal-Unjoni. Għaldaqstant, ir-Regolament (KEE) Nru 706/73 tal-Kunsill⁽³⁾ jipprevedi li għall-fini tal-applikazzjoni tar-regoli li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, il-leġiżlazzjoni dwar is-sahħha tal-annimali, ir-Renju Unit, iċ-Channel Islands u Isle of Man għandhom jitqiesu bħala Stat Membru uniku.
- (3) Id-Direttiva 91/68/KEE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-sahħha tal-annimali li jirreglaw il-kummerċ tan-nagħaq u tal-mogħoż fl-Unjoni. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċcelloži (*B. melitensis*) fir-rigward tal-merħlief tan-nagħaq u tal-mogħoż, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE. Ir-Renju Unit huwa elenkat fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċcelloži (*B. melitensis*).
- (4) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE⁽⁴⁾ jipprevedi li l-Istati Membri elenkat fl-Anness I tagħha huma rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċcelloži (*B. melitensis*) fir-rigward tal-merħlief tan-nagħaq u tal-mogħoż, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE. Ir-Renju Unit huwa elenkat fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċcelloži (*B. melitensis*).

⁽¹⁾ ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

⁽²⁾ ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19.

⁽³⁾ Ir-Regolament (KEE) Nru 706/73 tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 1973 li jikkonċerna l-arranġamenti tal-Komunità applikabbi għall-Channel Islands u l-Isle of Man għal kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 68, 15.3.1973, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tieħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċcellosi (*B. melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda (ĠU L 13, 21.1.1993, p. 14).

- (5) L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE (⁹) jipprevedi li r-reġjuni tal-Istati Membri elenkti fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tagħha huma ddikjarati uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE. Fir-rigward tar-Renju Unit, it-territorji tal-Iskozja u ta' Isle of Man huma elenkti bħala reġjuni uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi.
- (6) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2003/467/KE jipprevedi li r-reġjuni tal-Istati Membri elenkti fil-Kapitolu 2 tal-Anness II tagħha huma ddikjarati uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE. Fir-rigward tar-Renju Unit, it-territorji tal-Ingilterra, l-Iskozja u Wales, l-Irlanda ta' Fuq u Isle of Man huma elenkti bħala reġjuni uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi.
- (7) L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/467/KE jipprevedi li l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom elenkti fl-Anness III tagħha huma ddikjarati uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE. Fil-Kapitolu 1 tal-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KEE, ir-Renju Unit huwa elenkat bħala Stat Membru uffiċjalment ħieles mil-lewkożi enzootika bovina, u fil-Kapitolu 2 ta' dak l-Anness, Jersey u Isle of Man huma elenkti bħala reġjuni uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina.
- (8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE (⁹) telenka l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom li huma awtorizzati japplikaw garanziji addizzjonali għar-rinotrakeite bovina infettiva f'konformità mal-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 64/432/KEE. Jersey huwa elenkat fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni bħala reġjun li fis-japplikaw garanziji addizzjonali għar-rinotrakeite bovina infettiva f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE.
- (9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE (⁹) tistabbilixxi garanziji addizzjonali għall-movimenti tal-ħnieżer bejn l-Istati Membri. Dawk il-garanziji huma marbuta mal-klassifikazzjoni tal-Istati Membri jew tar-reġjuni tagħhom skont l-istatus tal-mard tagħhom għall-marda ta' Aujeszky. Ir-Renju Unit huwa elenkat fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni bħala uffiċjalment ħieles mill-marda ta' Aujeszky. Il-punt 2(d) tal-Anness III ta' dik id-Deċiżjoni jelenka l-istituti responsabbi għall-verifika tal-kwalità tal-metodu ELISA f'kull Stat Membru. Fost l-istituti elenkti hemm wieħed fir-Renju Unit. F'konformità mat-taqṣima 36 tal-Anness 2 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, ir-referenzi għal-laboratorji nazzjonali ta' referenza fl-atti elenkti f'dik it-taqṣima ma għandhomx jinqraw bħala li jinkludu l-laboratorju ta' referenza fir-Renju Unit.
- (10) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Ftehim dwar il-ħruġ), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, id-Direttivi 64/432/KEE u 91/68/KEE, kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqhom, japplikaw għar-Renju Unit u fis-fa' fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ. Għal dik ir-raġuni, ir-referenzi għar-Renju Unit fl-Anness I tad-Deċiżjoni 93/52/KEE, fil-Kapitolu 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE kif ukoll fil-Kapitolu 1 tal-Anness III tagħha u fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/185/KE, jenħtieġ li jiġu sostitwi b'referenzi għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.
- (11) Barra minn hekk, jeħtieġ jitħassru r-referenzi għar-Renju Unit mill-Kapitolu 2 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/467/KE, kif ukoll mill-Kapitolu 2 tal-Anness III ta' dik id-Deċiżjoni, mill-Anness II tad-Deċiżjoni 2004/558/KE u mill-Anness III tad-Deċiżjoni 2008/185/KE.
- (12) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 93/52/KEE, 2003/467/KE, 2004/558/KE u 2008/185/KE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(⁹) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-istatus ta' xi Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi, bruċellosi u lewkosi bovina enzootika fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74).

(⁹) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE tal-15 ta' Lulju 2004 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE li tirrigwarda garanziji addizzjonali għan-negozju intra-Komunitarju ta' annimali bovni relatati mar-rinotrakeite bovina infettiva u l-approvazzjoni tal-programmi ta' qerda ppreżentati minn ċerti Stati Membri (ĠU L 249, 23.7.2004, p. 20).

(⁹) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE tal-21 ta' Frar 2008 dwar garanziji addizzjonali f'kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal rigward il-marda ta' Aujeszky, u kriterji sabiex jipprovd u informazzjoni dwar din il-marda (ĠU L 59, 4.3.2008, p. 19).

- (13) Peress li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Ġhalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 93/52/KEE, il-Kapitolu 2 tal-Anness II u l-Kapitolu 1 tal-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE u l-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/185/KE huma emendati kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kapitolu 2 tal-Anness I u l-Kapitolu 2 tal-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE, l-Anness II tad-Deċiżjoni 2004/558/KE u l-Anness III tad-Deċiżjoni 2008/185/KE huma emendati kif stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS I

Parti 1

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 93/52/KEE, it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

“Kodiċi ISO	Stat Membru (*)
BE	Il-Belġju
CZ	Iċ-Ċekja
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
IE	L-Irlanda
CY	Ċipru
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
HU	L-Ungerija
NL	In-Netherlands
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Iżvezja
UK(NI)	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq”

Parti 2

Il-Kapitolu 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Reġjuni tal-Istati Membri uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (*)

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.”

(2) l-entrata li tikkonċerna r-Renju Unit hija sostitwita b'dan li ġej:

“Fir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq):

— l-Irlanda ta' Fuq.”

Parti 3

Fil-Kapitolu 1 tal-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE, it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"Kodiċi ISO	Stat Membru (*)
BE	Il-Belġju
CZ	Iċ-Ċekja
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
IE	L-Irlanda
CY	Ċipru
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
HU	L-Ungerija
NL	In-Netherlands
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Iżvejza
UK(NI)	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)

(*) Fkonformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq"

Parti 4

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/185/KE huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri (*)jew ir-reġjuni tagħhom li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u fejn il-vaċċinazzjoni hija pprojbita

(*) Fkonformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq."

(2) l-entrata li tikkonċerna r-Renju Unit hija sostitwita b'dan li ġej:

"UK(NI)	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	l-Irlanda ta' Fuq."
---------	-----------------------------------	---------------------

ANNESS II**Parti 1**

Fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/467/KE, titħassar l-entrata li tikkonċerna r-Renju Unit.

Parti 2

Fil-Kapitolu 2 tal-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE, titħassar l-entrata li tikkonċerna r-Renju Unit.

Parti 3

Fil-Anness II tad-Deċiżjoni 2004/558/KE, titħassar l-entrata li tikkonċerna r-Renju Unit.

Parti 4

Fil-punt 2(d) tal-Anness III tad-Deċiżjoni 2008/185/KE, titħassar l-entrata li tikkonċerna r-Renju Unit.

ID-DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZOJNI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2110

tas-16 ta' Diċembru 2020

li temenda l-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE fir-rigward tal-istatus ta' ħelsien mill-mard tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq għal ċertu mard tal-annimali akkwatīċi

(notifikata bid-dokument C(2020) 9303)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatīċi (¹), u b'mod partikolari l-Artikoli 49(1), 50(2)(a), 50(3), 51(2) u 61(3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE (²) timplimenta d-Direttiva 2006/88/KE dwar programmi ta' sorveljanza u qerda u status ta' ħelsien minn mard ta' Stati Membri, żoni u kompartimenti. It-tieni u r-raba' kolonna tat-tabella fil-Parti C tal-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni telenka dawk l-Istati Membri li ġew iddiċċarati ħielsa mill-mard skont l-Artikolu 49(1) tad-Direttiva 2006/88/KE, u dawk iż-żoni u l-kompartimenti li ġew iddiċċarati ħielsa mill-mard skont l-Artikolu 50(3) ta' dik id-Direttiva. Il-marda li għaliha japplika dan l-istat ta' ħelsien mill-mard hija stabbilita fl-ewwel kolonna tal-istess tabella.
- (2) Fkonformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Ftehim dwar il-Ħruġ), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, id-Direttiva 2006/88/KE, kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqu, jaġplikaw għar-Renju Unit u ġewwa fil-fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara l-perjodu ta' tranżizzjoni li hemm previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Għal dik ir-raġuni, ir-referenzi għar-Renju Unit fil-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE jenhie li jiġu sostitwiti b'referenzi għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.
- (3) Għaldaqstant, jenhie li l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE jiġi emendat skont dan.
- (4) Peress li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, din id-Deċiżjoni jenhie li tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fkonformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE, il-Parti C tinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(¹) ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE tal-31 ta' Ottubru 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE dwar programmi ta' sorveljanza u qerda u status ta' ħelsien minn mard ta' Stati Membri, żoni u kompartimenti (ĠU L 63, 7.3.2009, p. 15).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni

Stella KYRIAKIDES

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

“PARTI C

Stati Membri (*)żoni u kompartimenti ddikjarati ħielsa mill-mard

Marda	Stat Membru	Kodiċi ISO	Demarkazzjoni ġeografika taż-żona ħielsa mill-mard (Stati Membri, żoni jew kompartimenti)
Settiċemija viral emorraġika (VHS)	id-Danimarka	DK	It-territorju kontinentali shiħ
	l-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Ċipru	CY	Iż-żoni kontinentali kollha fit-territorju tiegħu
	il-Finlandja	FI	Iż-żoni kontinentali u kostali kollha ġewwa t-territorju tagħha, ħliet il-Provinċja ta' Åland
	l-Iżvezja	SE	It-territorju kollu
	ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	l-Irlanda ta' Fuq
Nekrozi ematopojetika infettiva (IHN)	id-Danimarka	DK	It-territorju kollu
	l-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Ċipru	CY	Iż-żoni kontinentali kollha fit-territorju tiegħu
	il-Finlandja	FI	It-territorju kollu, ħliet il-kompartiment kostali f'li, Kuvianiemi, u ż-żoni li ġejjin fejn jinġabar l-ilma: 14.72 Virmasvesi, 14.73 Nilakka, 4.74 iż-żona ta' Saarijärvi u 4.41 iż-żona Pielinen
	l-Iżvezja	SE	It-territorju kollu
	ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	l-Irlanda ta' Fuq
Il-marda tal-virus tal-erpete tal-koi (KHV)	l-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	l-Irlanda ta' Fuq
Anemija infettiva tas-salamun (ISA)	il-Belġju	BE	It-territorju kollu
	il-Bulgarija	BG	It-territorju kollu
	ir-Repubblika Čeka	CZ	It-territorju kollu
	id-Danimarka	DK	It-territorju kollu
	il-Ğermanja	DE	It-territorju kollu
	l-Estonja	EE	It-territorju kollu
	l-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	il-Greċċja	EL	It-territorju kollu
	Spanja	ES	It-territorju kollu
	Franza	FR	It-territorju kollu
	l-Italja	IT	It-territorju kollu
	Ċipru	CY	It-territorju kollu

(*) Fkonformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

	il-Latvja	LV	It-territorju kollu
	il-Litwanja	LT	It-territorju kollu
	il-Lussemburgu	LU	It-territorju kollu
	l-Ungaria	HU	It-territorju kollu
	Malta	MT	It-territorju kollu
	in-Netherlands	NL	It-territorju kollu
	l-Awstrija	AT	It-territorju kollu
	il-Polonja	PL	It-territorju kollu
	il-Portugall	PT	It-territorju kollu
	ir-Rumanija	RO	It-territorju kollu
	is-Slovenja	SI	It-territorju kollu
	is-Slovakkja	SK	It-territorju kollu
	il-Finlandja	FI	It-territorju kollu
	l-Iżvezja	SE	It-territorju kollu
	ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK/NI	l-Irlanda ta' Fuq
Infezzjoni bil-Marteilia <i>refringens</i>	l-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK/NI	Il-kosta kollha tal-Irlanda ta' Fuq, minbarra Belfast Lough u l-Bajja ta' Dundrum
Infezzjoni bil-Bonamia <i>ostreæ</i>	l-Irlanda	IE	Il-kosta kollha tal-Irlanda, īlief: 1. Cork Harbour 2. Galway Bay 3. Ballinakill Harbour 4. Clew Bay 5. Achill Sound 6. Loughmore, Blacksod Bay 7. Lough Foyle 8. Lough Swilly 9. Kilkieran Bay
	ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	Il-kosta kollha tal-Irlanda ta' Fuq minbarra Lough Foyle u Strangford Lough
Il-marda tat-tikka bajda"			

ID-DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZOJNI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2111

tas-16 ta' Diċembru 2020

li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/221/UE fir-rigward tar-referenza għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq għall-approvazzjoni ta' miżuri nazzjonali biex jiġi limitat l-impatt ta' ċertu mard fl-annimali tal-akkwakultura u annimali akkwatiċi selväġġi f'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE

(notifikata bid-dokument C(2020) 9302)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-sahħha ta' l-annimali għall-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (²) taprova miżuri nazzjonali biex jiġi limitat l-impatt ta' ċertu mard fl-annimali tal-akkwakultura u annimali akkwatiċi selväġġi f'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva 2006/88/KE.
- (2) It-territorju tar-Renju Unit huwa elenkat fit-tieni kolonna tat-tabella stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/221/UE, bħala ġieles mill-mard elenkat fl-ewwel kolonna ta' dik it-tabella.
- (3) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Ftehim dwar il-Ħruġ), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, id-Direttiva 2006/88/KE kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqha, japplikaw għar-Renju Unit u fil-fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ. Għal dik ir-raġuni, ir-referenzi għar-Renju Unit fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/221/UE jenħtieġ li jiġi sostitwiti b'referenzi għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.
- (4) Għalhekk, l-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/221/UE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Peress li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Ġhalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/221/UE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

(¹) ĠUL 328, 24.11.2006, p.14.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE tal-15 ta' April 2010 li taprova miżuri nazzjonali biex jiġi limitat l-impatt ta' ċertu mard fl-annimali tal-akkwakultura u annimali akkwatiċi selväġġi b'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE (ĠU L 98, 20.4.2010, p. 7).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni

Stella KYRIAKIDES

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS I

Stati Membri (*) u żoni meqjusa ħielsa mill-mard elenktati fit-tabella u approvati biex jieħdu miżuri nazzjonali ħalli jevitaw l-introduzzjoni ta' dak il-mard f'konformità mal-Artikolu 43(2) tad-Direttiva 2006/88/KE

Marda	Stat Membru	Kodiċi	Demarkazzjoni ġeografika taż-żona ħielsa mill-marda (Stat Membru, żona, kompartiment)
Viremija tar-Rebbieġ- għa tal-karpjun (SVC)	Id-Danmarka	DK	It-territorju kollu
	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	L-Ungeria	HU	It-territorju kollu
	Il-Finlandja	FI	It-territorju kollu
	L-Iżvejza	SE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	L-Irlanda ta' Fuq
Marda batterika tal- kliewi (BKD)	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	L-Irlanda ta' Fuq
Virus tan-nekrożi pankreatika infettiva (IPN)	Il-Finlandja	FI	Il-partijiet kontinentali tat-territorju
	L-Iżvejza	SE	Il-partijiet kontinentali tat-territorju
Infezzjoni bil- <i>Gyrodactylus salaris</i> (GS)	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Il-Finlandja	FI	Iż-żoni tal-ġbir tal-ilma ta' Tenojoki u Näätämönjoki; iż-żoni tal-ġbir tal-ilma ta' Paatsjoki, Tuulomajoki, u Utuanjoki huma meqjusa bħala żoni ta' lqugħ
	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	L-Irlanda ta' Fuq
Ostreid herpesvirus 1 pvar (OsHV-1 µVar)	L-Irlanda	IE	Kompartiment 1: Il-bajja ta' Sheephaven Kompartiment 3: Il-bajjet ta' Killala, Broadhaven u Blacksod Kompartiment 4: Il-bajja ta' Streamstown Kompartiment 5: Il-bajjet ta' Bertraghboy u Galway Kompartiment A: Il-mafqas tal-bajja ta' Tralee
	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	UK(NI)	It-territorju tal-Irlanda ta' Fuq għajir il-bajja ta' Dundrum, il-bajja ta' Killough, Lough Foyle, Carlingford Lough, Larne Lough u Strangford Lough
Infezzjoni bl-alfavirus tas-salmonidi (SAV)	Il-Finlandja	FI	Il-partijiet kontinentali tat-territorju"

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

ID-DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZOJNI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2112

tas-16 ta' Diċembru 2020

li temenda l-Annessi tad-Deċiżjonijiet 93/455/KEE, 1999/246/KE u 2007/24/KE fir-rigward tal-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' kontinġenza tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, tad-deni klassiku tal-ħnieżer, tal-influwenza avjarja u tal-marda ta' Newcastle

(notifikata bid-dokument C(2020) 9307)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE tal-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal kontroll tal-marda Newcastle (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda tal-infafet vesikolari (deni klassiku) tal-ħnieżer (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 22(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer li tirrevoka id-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjoni 89/531/KEE u 91/665/KEE u tammenda d-Direttiva 92/46/KEE (³), u b'mod partikolari l-Artikolu 72(7) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (⁴), u b'mod partikolari l-Artikolu 62(4) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/455/KEE (⁵) tapprova l-pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għall-Istati Membri elenkti fl-Anness tagħha.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/246/KE (⁶) tapprova l-pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer għall-Istati Membri elenkti fl-Anness tagħha.
- (3) L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/24/KE (⁷) jistabbilixxi l-lista tal-Istati Membri li approvaw il-pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tal-influwenza avjarja u tal-marda ta' Newcastle.
- (4) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Ftehim dwar il-Ħruġ), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, id-Direttivi 92/66/KEE, 2001/89/KE, 2003/85/KE u 2005/94/KE kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqhom, japplikaw għar-Renju Unit u fil-fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara l-periodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ. Għal dik ir-raġuni, ir-referenzi għar-Renju Unit fl-Annessi tad-Deċiżjoni 93/455/KEE, 1999/246/KE u 2007/24/KE jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'referenzi għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

- (5) Għalhekk, l-Annessi tad-Deċiżjoni 93/455/KEE, 1999/246/KE u 2007/24/KE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(¹) ĠUL 260, 5.9.1992, p. 1.

(²) ĠUL 316, 1.12.2001, p. 5.

(³) ĠUL 306, 22.11.2003, p. 1.

(⁴) ĠUL 10, 14.1.2006, p. 16.

(⁵) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/455/KEE tat-23 ta' Lulju 1993 li tapprova ġerti pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer (ĠUL 213, 24.8.1993, p. 20).

(⁶) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/246/KE tat-30 ta' Marzu 1999 li tapprova ġerti pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer (ĠUL 93, 8.4.1999, p. 24).

(⁷) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/24/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 li tapprova l-pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u l-marda ta' Newcastle (ĠUL 8, 13.1.2007, p. 26).

- (6) Peress li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Ġhalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 93/455/KEE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Fl-Anness tad-Deċiżjoni 1999/246/KE, fil-lista, l-entrata għar-Renju Unit hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq) *

* F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq".

Artikolu 3

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/24/KE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS I

“ANNESS

Il-pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer tal-Istati Membri (l) li ġejjin huma approvati:

Il-Belġju

Id-Danimarka

Il-Ġermanja

Il-Greċċa

Spanja

Franza

L-Irlanda

L-Italja

Il-Lussemburgu

In-Netherlands

L-Awstrija

Il-Portugall

Il-Finlandja

L-Iżveċċa

Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)”

(l) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

ANNESS II

“ANNESS

Lista tal-Istati Membri⁽¹⁾ msemmija fl-Artikolu 3

Kodiċi	Pajjiż
AT	L-Awstrija
BE	Il-Belġju
BG	Il-Bulgarija
CY	Ċipru
CZ	Iċ-Ċekja
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
EE	L-Estonja
EL	Il-Greċja
ES	Spanja
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
MT	Malta
NL	In-Netherlands
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
UK(NI)	Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)

⁽¹⁾ F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

ID-DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZOJNI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2113

tas-16 ta' Diċembru 2020

Li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/3/KE li tawtorizza, fir-rigward tal-bejgħ ta' patata taż-żrīgh fit-territorju kollu jew parti ta' ċerti Stati Membri, miżuri aktar iebsa kontra ċertu mard barra minn dawk previsti fl-Annessi I u II tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE, fir-rigward tal-entrata għar-Renju Unit

(notifikata bid-dokument C(2020) 9306)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/56/KE tipprevedi li fir-rigward tal-bejgħ tal-patata taż-żerriegħa fit-territorju kollu jew parti minnu ta' Stat Membru wieħed jew aktar, il-Kummissjoni jeħtieġ tawtorizza miżuri iktar iebsa kontra ċertu mard barra minn dawk previsti fl-Annessi I u II tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE. B'mod partikolari, id-Deċiżjoni 2004/3/KE tipprevedi li l-Istati Membri elenakti fil-kolonna 1 tal-Anness I tagħha, fir-rigward tal-bejgħ tal-patata taż-żrīgh fir-reġjuni elenakti maġenb isimhom fil-kolonna 2 ta' dak l-Anness, huma awtorizzati jdaħħlu ċerti restrizzjoni fuq il-bejgħ tal-patata taż-żrīgh. Fir-rigward tar-Renju Unit, il-kolonna 2 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/3/KE attwalment telenka r-reġjuni ta' Cumbria, Northumberland (l-Ingilterra), l-Irlanda ta' Fuq u l-Iskozja għall-finijiet ta' dik l-awtorizzazzjoni.
- (2) F'dak ir-rigward, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/3/KE (²) tawtorizza fir-rigward tal-bejgħ ta' patata taż-żrīgh fit-territorju kollu jew parti minnu ta' ċerti Stati Membri, miżuri aktar iebsa kontra ċertu mard barra minn dawk previsti fl-Annessi I u II tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE. B'mod partikolari, id-Deċiżjoni 2004/3/KE tipprevedi li l-Istati Membri elenakti fil-kolonna 1 tal-Anness I tagħha, fir-rigward tal-bejgħ tal-patata taż-żrīgh fir-reġjuni elenakti maġenb isimhom fil-kolonna 2 ta' dak l-Anness, huma awtorizzati jdaħħlu ċerti restrizzjoni fuq il-bejgħ tal-patata taż-żrīgh. Fir-rigward tar-Renju Unit, il-kolonna 2 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/3/KE attwalment telenka r-reġjuni ta' Cumbria, Northumberland (l-Ingilterra), l-Irlanda ta' Fuq u l-Iskozja għall-finijiet ta' dik l-awtorizzazzjoni.
- (3) Fkonformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Ftehim dwar il-Ħruġ), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, id-Direttiva 2002/56/KE kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqha, japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ. Għal dik ir-raġuni, fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Irlanda ta' Fuq biss jenħtieġ li tiġi elenkata bħala reġjun fil-kolonna 2 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/3/KE.
- (4) Għalhekk, l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/3/KE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Peress li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fkonformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

(¹) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/3/KE, tad-19 ta' Diċembru 2003 li tawtorizza, fir-rigward tal-bejgħ ta' patata taż-żrīgh fit-territorju kollu jew parti ta' ċerti Stati Membri, miżuri aktar iebsa kontra ċerti mard barra minn dawk previsti fl-Annessi I u II tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE (ĠU L 2, 6.1.2004, p. 47).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

L-Anness 1 tad-Deċiżjoni 2004/3/KE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS

"ANNESS I

Stat Membru (¹)	Reġjun
Il-Ġermanja	<ul style="list-style-type: none"> — Bundesland Mecklenburg-Vorpommern — Gemeinde Groß Lüsewitz — Ortsteile Lindenhof und Pentz der Gemeinde Metschow — Gemeinden Böhlendorf, Breesen, Langsdorf sowie Ortsteil Grammow der Gemeinde Grammow — Gemeinden Hohenbrünzow, Hohenmocker, Ortsteil Ganschendorf der Gemeinde Sarow sowie Ortsteil Leistenow der Gemeinde Utzedel — Gemeinden Ranzin, Lüssow und Gribow — Gemeinde Pelsin
L-Irlanda	It-territorju kollu
Il-Portugall	Azores (iż-żoni b'altitudni ta' iktar minn 300 m)
Il-Finlandja	Il-muniċipalitajiet ta' Liminka u Tyrnävä
Ir-Renju Unit (¹)	L-Irlanda ta' Fuq"

(¹) Fkonformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT